# Meta mort Għawdex bid-dawra

MHUX l-ewwel darba li kont mort Għawdex. Imma l-ewwel darba kienet li tlaqt mill-Port il-Kbir biex wara sagħtejn baħar nasal l-Imġarr tal-Għira tat-Tliet Għoljiet. Soltu kollox kien imur ħarir: tirkeb il-karrozza tal-linja mill-Belt, tasal il-Marfa, tistenna l-vapur jittrakka mal-moll u jniżżel in-nies.... B'dana kollu, fejn kont tibqa'; l-"ambjent" ma jinbidilx.... Nies! Nies! dejjem bin-nies quddiemek! ma tħossok qatt ħieles minn taħt għajnejhom! 'Kk trid tgħajjat jew tidħak għal qalbek, ma tistax.... u mbagħad, biex tinżel, dejjem bil-ġlied, aktarx jagħsruk, jirfsuk żgur, ikollok tħokk wiċċek ma' xi ċirniena—(mhux dejjem nadifa) ta' xi wieħed Għawdxi, u fl-aħħar trid titlaq tiġri kemm tiflaħ biex tilħaq karrozza. Le, le, mhux hekk meta mort bid-dgħajsa mill-Port! Dawk is-sagħtejn baħar fuq dgħajsa ħafifa b'żewġ arbli wieqfa fin-nofs, taħt sema ikħal nir, nibqa' niftakarhom u ma ninsiehom qatt!

Meta tfajt sieqi fuq id-dgħajsa stennejt li sa nsib ruħi waħdi. Fejn naf!? Daqs kemm kienu beżżgħuni u mlewli rasi b'"Air Raids" u mhux "Air Raids" u b'ajruplani, bombi u "machine-gun"! Stħajjilt li ħadd ma kien sa jissogra jaqsam bid-dgħajsa! Imma għandu jkun in-nies (li qatt ma jixtiequ deni 'l ħadd ħlief lilhom infushom) dejjem iwissuk u jwiddbuk biex ma tagħmilx hekk u hekk, biex tieħu ħsieb rasek u ddabbarha fejn tista' –u mbagħad, x'issib?—Li huma stess jagħmlu dak li lilek ikunu qalulek biex ma tagħmilx. Sewwa jgħidu li l-pariri ma jiswew xejn! Hi xinhi, sibt ħafna oħrajn fid-dgħajsa, minsubin fuq twavel, ħbula, btieti u mezez vojta, qofsa, qfief u ħafna xkejjer.... kulħadd jitkellem, min fuq l-għoli tal-ħajja, min fuq il-Lieva, min fuq Timoshenko u l-gwerra fir-Russja, min fuq il-kwart u nofs ħobż tar-razzjon u min fuq il-"Convoy" li mistenni jidħol ma jdumx. Il-baħrin kollha medhijin igħabbu u jistiraw, il-patrun fuq l-art jitkellem mal-pulizija tax-Xatt biex jara meta sa jitlaqhom, u l-mutur tad-dgħajsa mqabbad biex tilħaq tisħon il-magna. Wara ftit ħallew iċ-ċima, neħħew il-fallakka, id-dgħajsa bdiet miexja, xi Għawdxin sabu rokna

għax-xemx u għattew wiċċhom bil-berritta biex jieħdu nagħsa sakemm jaslu Għawdex u oħrajn ħarġu biċċa ħobż imħallta bil-qamħirrun minn ġoċ-ċirniena, ċappsu tadama magħha u bdew jieklu bl-aptit.

Ngħid għalija, ħassejtni ferħan għax sa noħroġ barra mill-"breakwater". Safar qatt ma kont sefirt, "imma" għidt bejni u bejn ruħi "illum il-gwerra u l-itwal safra li wieħed imur s'Għawdex." Xi trid aktar? Kont aħjar minn min siefer; kont sa noħroġ barra mill-"breakwater" l-ewwel darba—ħaġa li huma diġà għamlu, u li għalhekk nieħu gost biha jien iktar milli setgħu jieħdu biha huma; u kont sa nara l-isbaħ daħliet u naħiet ta' Malta minn fuq il-baħar! Xi trid tagħmel? Mill-mitluf tieħu li tista'. Mill-bqija, xejn ma stagħġibt meta d-dgħajsa għaddiet minn bejn il-lanterni tal-"breakwater." Biss ħassejt bħal ferħ li jiena ħlist, imqar għal ftit, minn Malta; li dak il-ħin, fuq id-dgħajsa kont tabilħaqq ninsab "bejn sema u ilma"; u li jien qiegħed Malta u f'ħin wieħed ma kontx; għax, li ridna, konna nitfgħu d-dgħajsa pruwa l-Lvant flok il-Punent, u naslu l-Kajr flok l-Imġarr t'Għawdex. Biex nistqarr is-sewwa, meta ħarist warajja lejn id-djar tal-Belt, lejn l-irħula, il-knejjes, l-egħlieqi u l-għoljiet ta' Malta, xejn ma ħassejt minn dak li ħasset Luċija fil-*Promessi Sposi* meta qasmet ix-xmara u ħalliet darha u raħalha warajha. L-"Addio" tiegħi aktarx kien ta' ferħ milli ta' swied il-qalb!

Il-baħar kien imċaqlaq, u d-dgħajsa bdiet togħla u tinżel u tinqaleb minn naħa għal oħra. Id-djar u l-egħlieqi stħajjilthom qegħdin jiżfnu, jaqbżu u jitmejlu, sa jaqgħu u ma jaqgħux—donnu l-aħħar tad-dinja, meta kollox jitriegħed f'jum il-Ħaqq. U d-dgħajsa dejjem miexja: ħallejna tas-Sliema warajna, għaddejna d-Dragunara u San Ġorġ, fejn kien hemm is-suldati jitħarrġu fl-isparar; Baħar-iċ-Ċagħak, tal-Qawra u San Pawl il-Baħar qbiżniehom—u kellna nofs triq ġewwa! Kont qed nitgħaxxaq inħares lejn ix-Xatt, lejn ir-raba' mtarraġ man-naħiet tal-għoljiet, lejn il-knejjes u l-irħula tal-bogħod ibajdu fix-xemx taħraq tas-sajf, u xejn ma tajt widen tal-baħar li kien qed ibandal id-dgħajsa u jxengilha bla ħniena, xejn tar-raxx irqiq li beda tiela' u jxarrabna meta l-mewġ jaħbat mad-dgħajsa. Biss bqajt inħares quddiemi nsaqsi l-ismijiet ta' l-inħawi fejn inkunu wasalna, u liema ħrejjef igħidu fuq l-egħrien imgħawwra fil-

blat, fejn il-baħar ragħwi jobrom u kull leħen jinstema' jidwi u jitkabbar għal mitt darba. Hekk smajt il-patrun u t-tmunier jitkellmu fuq il-baħar, fuq il-maltemp, fuq dari meta d-dgħajjes kienu għadhom bil-qlugħ; qalu kemm hemm dgħajjes t'Għawdex, kull waħda jafuha bin-numru tagħha, ta' min huma, liema minnhom tigri l-iktar, u liema l-eqdem waħda; qaluli li xi wħud minnhom kienu saru l-Kalkara għand mgħallem tas-sengħa (illum mejjet)—u li issa ilhom ma jaraw dgħajsa ġdida x-xatt t'Għawdex.... Dawk igħidu u jien, mitluf f'dawn il-mistoqsijiet, mank intbaħt li konna għaddejna l-aħrax tal-Mellieħa u wasalna taħt Kemmuna!... Biss erġajt ġejt f'tiegħi meta ħassejt fuq dahri t-taptipa tal-baħri, bil-qalziet imxammar u b'ħafna flus tal-karti f'idejh, li ġie biex jiġbor u kien qed igħajjat biex kulħadd jagħtih 2s. karta, għax ma jsarrafx. U mhux wieħed u tnejn baqgħu mingħajr bqija, għax ma kellhomx żewġ xelini sewwa u għax l-ieħor "ma jsarrafx"....

Wieħed raħli kien mixħut wiċċu 'l fuq fuq l-ixkejjer; f'daqqa waħda jqum, jibda juri b'subgħajh lejn is-sema fil-bogħod u jgħid xi ħaġa li għall-ewwel ħadd ma fehemha. Ħares kulħadd lejn fejn kien qed juri b'sebgħu u dehru żewġ tikek suwed ġos-sħab, donnhom jiġru wara xulxin u resqin dejjem in-naħa tagħna. "Għandu jkun Raid!" qalu xi wħud. "Dawk 'fighters' tagħna!" "Spitfires!" wieġbu oħrajn. It-tmunier ma beżax, libes l-elmu ta' l-azzar u qal lis-suldati, li kienu sejrin bil-frank Għawdex, biex "jinżlu farka 'l isfel" sa kemm igħaddu, biex ma jidhrux bl-uniformi tagħhom. Kulħadd siket; l-għajnejn kollha ssammru fuq dawk iż-żewġ tikek li issa kienu kibru. Wara ftit "U dak gawwi!" qabeż qal wieħed baħri li kien mar il-pruwa biex jara aħjar. U tabilħaqq, iżjed ma joqorbu dawk it-tikek iżjed bdew jieħdu s-sura ta' għasafar u meta waslu fuqna damu jissaqqru ħafna fuq rasna. Kulħadd infaqa' bid-daħk "U jien m'għidtlekx li mhux ajruplani dawk" qal wieħed Għawdxi "Kieku konna nisimgħu t-tiri u naraw id-dħaħen!" U hekk bqajna mexjin; imma nqala' għawġ ieħor. Dak il-baħri li kien fuq l-arblu biex jara hemmx xi ħaġa quddiemna dar lura f'daqqa, beda jferfer idejh u għajjat lil dak li kien iħaddem il-magna "Naqqas nitfa, Ġużepp, u aqla' farka 'l barra, għax ma nafx x'hawn." Reġa' kulħadd siket. "Jaqaw xi mine?" staqsa wieħed lil ta' maġenbu "Min jaf" wieġeb dan. "Dan l-aħħar għamel baħar qawwi,

u mhix ħaġa kbira li nqatgħu xi majnsijiet." Waħda mara għamlet wegħda lil Madonna ta' Pinu biex tħarisha u twassalha Għawdex bis-sliema; imma ma damx ma nstama' l-baħri li kien jagħmilha ta' "spotter" fuq l-arblu jgħajjat: "Għinha, Ġużepp, m'hawn xejn! Sufri tan-nassi dak li rajna! Arma! żidha ħa ngibu li tlifna!" U d-dgħajsa reġgħet bdiet miexja sew u qorbot ġmielha lejn l-Imġarr t'Għawdex.

S'hawn il-ferħ u s-seħer ta' meta mort Għawdex bid-dawra l-ewwel darba! Għoġbitni u tħajjart nagħmilha drabi oħra; imma l-ebda darba ma kienet bħal ta' l-ewwel! Is-seħer kien intilef, il-ġdid beda jsir qadim, dik il-mistennija u l-qtigħ il-qalb ta' wieħed li dejjem fuq ix-xwiek biex jara x'ġej wara spiċċat—u d-dawra s'Għawdex bdiet tieħu r-rokna tagħha ġo moħħi bħala *tiġriba* biss—sabiħa kemm tridha, imma mingħajr ħajja, għax kull waħda bħal ta' qabilha. Ara kemm hu hekk, dan l-aħħar meta qajla kont insib fuqhiex nirkeb mill-Imġarr sar-Rabat, għaddieli minn rasi li m'għandix għalfejn immur Għawdex iktar, jekk ma rridx inħassar u nitlef is-seħer tat-tifkira ta' meta qsamt l-ewwel darba bid-dawra.

B'dana kollu, ma nafx x'nagħmel meta nkun ili ħafna ma mmur s'hemm!

Ottubru 1942. Ġ. Cassar-Pullicino